# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Gunju 2018**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 904/2017/LSO**

**Vella Joe ID560361M;**

**Vella Carmen, ID373247M armla ta' Vincent Vella;**

**Vella Carlo, ID520680M bin il-mejjet Vincent Vella;**

**Vella Fabio, ID353683M, bin il-mejjet Vincent Vella;**

**Bray Maria Rosaria, 315256M;**

**Vella Benigno, 008748M;**

**Vella Carmelo, ID759246M;**

**Vella Domenico ID352256M;**

**Vella Anthony ID277458M,**

**Vella John 211951M;**

**Vella Martin ID866953M;**

**Vella Joe, 107962M, bin il-mejjet Alfred Vella;**

**Camilleri Carmen, ID160964M, bint il-mejjet Alfred Vella;**

**Bonavia Silvana, ID355466M, bint il-mejjet Alfred Vella;**

**Bonello Doreen, ID202865M, bint il-mejjet Alfred Vella;**

**Vella Mario, ID114068M, bin il-mejjet Alfred Vella;**

**Muscat Victoria, ID777649M;**

**Vella John Mary, ID385850M;**

**Vella Charles *sive* Carmel ID158852M;**

**Vella Joseph ID774053M;**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Vella Joe ID560361M; Vella Carmen, ID373247M armla ta' Vincent Vella; Vella Carlo, ID520680M bin il-mejjet Vincent Vella; Vella Fabio, ID353683M, bin il-mejjet Vincent Vella; Bray Maria Rosaria, 315256M; Vella Benigno, 008748M; Vella Carmelo, ID759246M; Vella Domenico ID352256M; Vella Anthony ID277458M, Vella John 211951M; Vella Martin ID866953M; Vella Joe, 107962M, bin il-mejjet Alfred Vella; Camilleri Carmen, ID160964M, bint il-mejjet Alfred Vella; Bonavia Silvana, ID355466M, bint il-mejjet Alfred Vella; Bonello Doreen, ID202865M, bint il-mejjet Alfred Vella; Vella Mario, ID114068M, bin il-mejjet Alfred Vella; Muscat Victoria, ID777649M; Vella John Mary, ID385850M; Vella Charles *sive* Carmel ID158852M; Vella Joseph ID774053M, datat 3 ta' Ottubru 2017, fejn bir-rispett u l-istess Joe Vella, ID560361M bil-gurament tieghu kkonferma :-

Illi r-rikorrenti huma eredi ta' John Maria Vella, li miet fl-14 ta' Marzu 1955 (*vide* Certifikat tal-Mewt Dokument A mehmuz ma dan r-rikors);

Illi ricentement l-istess eredi rikorrenti ntebhu li fic-certifikat tal-mewt fuq msemmi u cioe' tal-istess John Maria Vella (Dokument 'A'), kien hemm entratura taht il-kolonna *'Jekk ghazeb/xebba mizzeweg/mizzewga, armel/armla,* li permezz taghha isem il-mara tal-istess John Mary Vella, gie mnizzel bhala "*Mary Xuereb";*

Illi kif jidher car mic-certifikat taz-zwieg (anness u mmarkat bhala Dokument B'), isem il-mara tal-mejjet John Maria Vella fil-fatt kien Theresa Xerri u mhux 'Mary Xuereb', kif erronjament imnizzel fic-certifikat tal-mewt (Dokument 'A');

Illi r-rikorrenti, minbarra l-htiega li d-dokument ufficjali li jirriflettu l-verita` tal-fatti fir-rigward tal-persuni li l-partikolaritajiet taghhom jidhru fuq l-istess dokument ufficjali, ghandhom interess fil-kapacita` taghhom ta' eredi li jaccertaw ruhhom li d-dettalji jirriflettu l-partikolaritajiet ezatti tal-persuni kollha msemmija f'kwalunkwe dokument ufficjali li jirrigwarda lilhom u lill-antenati taghhom;

Illi dan l-istat ta' fatt qieghed jikkaguna inkonvenjent u pregudizzju lir-rikorrenti, kif ukoll diversi problemi minhabba l-fatt li bhalissa l-istess rikorrenti qeghdin fi stadju li jiddisponu minn diversi proprjetajiet li kienu jappartjenu lill-istess *decius* John Maria Vella, l-antenat taghhom;

Illi l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Kodici Civili, jaghti d-dritt lir-rikorrenti taghmel talba lill-Qorti ghall-korrezzjoni jew kancellament ta' registrazzjoni, bhal dik taht ezami fir-rikors odjern u cioe' fic-certifikat tal-mewt tad-*decius* John Maria Vella;

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, ir-rikorrenti jitlobu bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara u tiddeciedi li l-isem imnizzel taht il-kolonna *'Jekk ghazeb/xebba mizzeweg/mizzewga, armel/armla,* fic-certifikat tal-mewt ta' John Maria Vella (Dokument A), u cioe' l-isem *'Mary Xuereb",* fil-fatt ma jirriflettix il-vera stat ta' fatt fir-rigward tal-identita` tal-mara tal-istess John Mary Vella;

2. Tiddikjara u tiddeciedi li fil-fatt l-isem tal-mara tal-istess John Mary Vella kien ‘Theresa Xerri' u mhux 'Mary Xuereb';

3. Tordna in oltre li l-isem 'Mary Xuereb' taht il-kolonna *'Jekk ghazeb/xebba mizzeweg/mizzewga, armel/armla’,* fic-certifikat tal-mewt tal-istess John Maria Vella (Dokument 'A') jigi mibdul ghal ‘Theresa Xerri';

4. Tiddikjara li fil-kolonna fic-certifikat tal-mewt tal-istess John Maria Vella hemm zball fi-isem tal-omm tal-istess *decius*, fis-sens li omm l-istess *decius* fil-fatt hija 'Maria Xuereb' u mhux 'Joan Vella nee` Xerri’.

5. Tordna in oltre li l-isem 'Joan Vella nee` Xuereb' taht il-kolonna *'Isem u Kunjom il-Geniaturi'* fic-certifikat tal-mewt tad-*decius*, John Maria Vella (Dokument A) jigi mibdul u sostitwit bl-isem 'Maria Xuereb'.

Bl-ispejjez, kollha kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 10 ta' Ottubru 2017 a fol 7 tal-process fejn talab korrezzjoni fir-rikors originali datat 3 ta' Ottubru 2017; u l-Qorti laqghet it-talba kif jidher bid-digriet tat-12 ta' Ottubru 2017.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-28 ta' Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 16 ta' Novembru 2016 (fol 19) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat :-

1. Illi preliminarjament, l-esponenti teccepixxi illi ghall-integrita' tal-gudizzju ghandha tingab prova sodisfacenti illi r-rikorrenti huma fil-fatt il-werrieta tad-decujus Joe Maria Vella;

2. Illi bla hsara ghal premess u in linea preliminari wkoll, l-esponenti teccepixxi illi r-rikorrenti ghandhom rimedju ordinarju iehor sabiex jitolbu korrezzjoni fl-Att tal-Mewt tad-

decujus. Dan ir-rimedju huwa stipulat f'Artikolu 257(1) (a) tal-Kodici Civili li jippermetti korrezzjoni ta' jekk il-mejjet kienx mizzewweg jew le, armel jew armla, u kif ukoll l-isem u l-kunjom tal-genituri tal-mejjet, u jekk humiex hajjin jew mejtin - liema korrezzjoni tista' ssir fuq ordni bil-miktub mill-Imhallef irtirat jew il-Magistrat irtirat jew l-avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili;

3. Illli bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponenti tiddikjara li m'hijiex edotta mill-fatti kif prezentati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti tiddikjara illi ma ssib l-ebda oggezzjoni ghal korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 1230 tas-sena 1955 u dan *in vista* tal-fatt illi:

a. Skont l-Att taz-Zwieg tad-decujus, liema d-dokument jinsab anness u mmarkat bhala Dok. DRP 2, jirrizulta li isem il-mara tieghu kien proprju Theresa Xerri u fil-fatt dan jigi kkonfermat permezz tal-Att tat-Twelid taghhha stess, liema dokument jinsab anness u mmarkat bhala Dok. DRP 3;

b. Skont l-Att tat-Twelid tad-decujus, liema dokument jinsab anness u mmarkat bhala Dok. DRP 4, jirrizulta illi omm id-decujus hija proprju Maria Vella;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 22 ta' Mejju 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex bzonn li d-dokumenti jigu awtentikati u li m'ghandhiex provi x'tipproduci. Id-difensuri talbu li l-kawza tigi differita ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta’ ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament fit-23 ta’ Ottubru 2017 (fol 18).

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-isem ta’ martu fic-certifikat tal-mewt ta’ John Mary Vella fil-kolonna ‘Jekk ghazeb/xebba mizzewweg/mizzewga, armel/armla’ jigi korrett ghal “Theresa Xerri” minflok “Mary Xuereb” peress li l-isem “Mary Xuereb” ma jirriflettix il-vera stat ta’ fatt dwar l-identita` tal-mara tad-defunt John Mary Vella.

Ikkonsidrat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba kif dedotta, ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta’ din il-kawza.

Illi **Joseph Vella** xehed permezz ta' affidavit (fol 31) dwar il-fatti rilevanti, liema xhieda hija wkoll sostnuta bl-affidavit tan-**Nutar Annalise Micallef** (fol 32-33).

Referibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimat, jigi ritenut, li d-dokumenti esebiti annessi mal-affidavit tan-Nutar Annalise Micallef huma prova sodisfacenti li r-rikorrenti huma fil-fatt werrieta tad-decujus John Mary Vella. Jirrizulta wkoll li l-avukat difensur tal-intimat ivverbalizzat fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018, (fol 79) li m'hemmx bzonn li jigu esebiti kopji awtentici ta' dawn id-dokumenti esebiti fl-atti.

Jigi osservat ukoll, b'referenza ghar-raba' eccezzjoni, li skont dokument anness mal-istess risposta ta' l-intimat, ic-certifikat taz-zwieg tad-defunt John Mary Vella jirrizulta li isem il-mara tieghu kien proprju Teresa Xerri, kif jidher mill-att tat-twelid ta' Teresa Xerri esebit bhala Dok DRP 3. Illi minn Dok DRP 4 esebit mar-risposta, l-att tat-twelid ta' omm id-decujus, jirrizulta li omm id-decujus kien jisimha Mary Vella.

*In vista* ta' dak eccepit mill-istess intimat, li m'hemmx oggezzjoni ghat-talba odjerna fil-mertu, u *in vista* wkoll tad-dokumenti esebiti b'referenza ghar-raba' eccezzjoni, issib it-talba tar-rikorrenti hija gustifikata kif trid il-Ligi. Ladarba jirrizulta li sar zball fl-isem tal-mara tar-rikorrenti, li ma kienx jirrifletti l-identita` tal-mara tad-defunt John Mary Vella, izda tnizzel bi zball isem ommu, l-ispejjez ghandhom jithallsu mid-Direttur intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li l-isem mnizzel taht il-kolonna *'Jekk ghazeb/xebba mizzeweg/mizzewga, armel/armla,* fic-certifikat tal-mewt ta' John Maria Vella (Dokument A), u cioe' l-isem "*Mary Xuereb",* fil-fatt ma jirriflettix l-vera stat ta' fatt fir-rigward tal-identita` tal-mara tal-istess John Mary Vella;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li isem mart id-decujus John Mary Vella kien "Theresa Xerri" mhux "Mary Vella".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna *in oltre* li l-isem 'Mary Xuereb' taht il-kolonna *'Jekk ghazeb/xebba mizzeweg/mizzewga, armel/armla,* fic-certifikat tal-mewt tal-istess John Maria Vella (Dokument 'A') jigi mibdul ghal Theresa Xerri';

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li fic-certifikat tal-mewt ta' John Mary Vella hemm zball f'isem omm l-istess decujus fis-sens li omm l-istess decujus hija "Maria Xuereb" u mhux "Joan Vella nee` Xerri."

5. Tilqa' l-hames talba u tordna li fic-certifikat tal-mewt ta' John Mary Vella fil-kolonna 'Isem u kunjom il-Genituri, jitnizzel l-isem "Maria Xuereb."

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**28 ta' Gunju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju 2018**